



EESC Info

European Economic and Social Committee

A bridge between Europe and organised civil society

September 2020 | MT

[Komunikazzjoni matul il-kriżi](#)

F'dan l-aħħar episodju tas-sensiela, li sar bil-Francċiż, **Isabel Caño Aguilar**, Viċi President tal-KESE responsabbli għall-komunikazzjoni, titkellem dwar l-esperjenza tal-COVID-19. Hija tiddekrivi kif il-pandemija biddlet il-ħidma ta' komunikazzjoni kollha tal-KESE billi wriet solidarjetà u impenn lejn il-prinċipji ewlenin tax-xogħol u l-inizjattivi kollha tagħha, ibda bil-**Premju għas-Solidarjetà Ċivili 2020**. Għall-Viċi-President, "xejn m'huwa ħa jkun bħal qabel wara din il-pandemija. Iżda għandna r-responsabbiltà li nirreaġixxu biex l-Ewropa ssir aktar b'saħħitha. Iċ-ċittadini Ewropej qed jitolbuna nagħmlu dan."

[Dessine-moi \(Mill-pinna ta'\) ...](#)

Is-sensiela "Dessine-moi (Mill-pinna ta') ..." waslet fi tmiemha. Dawn l-artikli tal-aħħar jarrikkixxu l-firxa ta' testimonjanzi li akkumpanjawna mill-bidu tal-pandemija. Dawn ir-rakkonti sinċieri ta' dan iż-żmien ta' iżolament involontarju laqtuna, hegġuna nfittxu s-sbuħija fl-oħrajn, inkunu aktar attenti għas-sens ta' ħajja u aktar sensitivi għall-importanza li wieħed jaħtaf il-mument preżenti.

Grazzi lill-membri li ħadu sehem fl-aħħar episodju tas-sensiela tagħna: **Claudine Otto, Giulia Barbucci, Laure Batut, Bente Sorgenfrey, Karolina Dreszer-Smalec, Dilyana Slavova, Renate Heinisch, Janusz Pietkiewicz, Jože Smole, Martin Siecker, Arnaud Schwartz.**

F'isem it-tim kollu ta' KESE info, niringrazzjaw t-43 rappreżentant tas-27 Stat Membru li ddedikaw ħinhom u l-pinna tagħhom biex jagħtu lill-qarrejja l-pjaċir u l-opportunità li jagħtu titwila fid-dinja tagħhom ta' emozzjonijiet u kummentarji dwar dan iż-żmien diffiċli li qed ngħixu.

Available Languages:

ES	BG	CS	DA	EN	DE	ET	FR	EL	GA	HR	IT	LV	LT	HU	MT
NL	PL	PT	FI	RO	SK	SL	SV								

EDITORJAL

[Is-soċjetà ċivili għandha ta' taf l-okkażjoni biex tesplora direzzjonijiet oġġettivi b' realiżmu mtejjeb](#)

F'din l-età ta' trasformazzjonijiet aċċellerati, konna xhieda ta' kemm jistgħu jkunu fraġli d-demokraziji tagħna, is-soċjetajiet tagħna u l-pjaneta tagħna.

Bdejt il-Presidenza tiegħi f'April 2018, u ħsibt li kellna bżonn nerġgħu niskopru l-ispirtu umanista tar-Rinaxximent biex inħaffu l-vjaġġ tagħna fit-triq lejn Ewropa sostenibbli. Wara l-Brexit u qabel l-elezzjonijiet Ewropej, kont naf li s-soċjetà ċivili kellha rwol importanti x'taqdi biex l-ekonomija timxi lejn mudelli aktar sostenibbli u aktar intelliġenti.

Fi tmiem il-mandat tiegħi dan ix-xahar, ninsab f'pożizzjoni li ngħid li l-Ewropa għal darb'oħra wriet kemm hi reżiljenti. In-nazzjonalisti u l-Ewroxettiċi ġew megħluba fl-elezzjonijiet tal-UE u l-pandemija tal-COVID-19 tat daqqa ta' ħarta indisputabbli lin-narrattiva falza tagħhom. L-UE ħadet miżuri bla preċedent u fi ftit xhur kissret it-tabùs li kienu stabbiliti sew, iproteġiet liċ-ċittadini u l-komunitajiet u investiet fi strateġija b'saħħitha għall-futur bl-akbar kunsens li qatt kien hemm.

Illum, ninsab dejjem aktar konvint li t-tliet prijoritajiet tal-Presidenza tiegħi – l-iżvilupp sostenibbli, il-paċi u l-kultura – jibqgħu fil-qalba tar-Rinaxximent għall-Ewropa.

Il-pandemija jista' jkun li ġieġħlitna nirrealizzaw b'dak li hu għaddej, iżda diġà qed nesperjenzaw it-tibdil fil-klima u temp aktar estrem. Il-pjan ta' rkupru tal-UE adottat wara l-pandemija tal-COVID-19 huwa opportunità unika biex jiġi evitat l-aħħar tad-dinja u l-Ewropa tinbidel f'mexxejja dinjija fis-sostenibbiltà.

Is-soċjetà ċivili tista' tkun hi l-mexxejja. Konna l-ewwel fost l-istituzzjonijiet tal-UE li tajna każ Greta Thunberg u l-attivisti żgħażaġħ favur il-klima li niżlu fit-toroq jappellaw għall-bidla llum qabel għada. Aħna fil-KESE konna l-ewwel li introduċejna mudelli tal-ekonomija ċirkolari u tal-iżvilupp sostenibbli. Il-kostitwenzi tagħna, flimkien mal-gvernijiet lokali, xorta se jibqgħu minn tal-ewwel

biex jimplimentaw il-pjan ta' rkupru wara l-pandemija, fejn jaħdmu biex jiġi evitat il-kaos. Issa ninsabu lejliet il-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa, li hija opportunità biex flimkien tiggwidana lejn Ewropa ġdida.

Fid-Dikjarazzjoni tiegħu ta' 70 sena ilu, Robert Schuman qal li l-paċi fid-dinja ma tistax tiġi ssalvagwardjata mingħajr sforzi kreattivi proporzjonati għall-perikli li jhedduha. Qatt, fl-ebda parti tad-dinja, fi kwalunkwe żmien fl-istorja, ma n-nisa u l-irġiel esperjenzaw perjodu daqshekk twil ta' paċi, stabbiltà u prosperità ekonomika; qatt ma kien hemm daqstant assigurazzjoni ta' libertajiet u drittijiet kif inhu l-każ bħalissa fl-Ewropa. Iżda, kif kulħadd jaf, ma nistgħux nistrieħu fuq l-unuri tagħna.

L-Ewropa ġiet ittestjata b'għadd ta' kriżijiet – u issa aktar minn qatt qabel, bil-pandemija mhux mistennija u bla preċedent. Iżda ninsab ċert li għandna biżżejjed enerġija u kreattività biex noħorġu minn dan kollu aktar b'saħħitna, ilkoll flimkien. Issa wasal iż-żmien li nerġgħu niffaċċjaw l-isfida.

Din id-Dar tas-Soċjeta' Ċivili Ewropea, li reċentement iċċelebrat is-60 anniversarju tagħha, għandha rwol x'taqdi fi żmien meta hemm kapaċità rinnovata biex ikun hemm enfasi fuq dak li huwa verament importanti, billi tkun aktar miftuħa għall-bidla u tissuġġerixxi modi biex tinbena l-Ewropa "permezz ta' kisbiet konkreti li l-ewwel joħolqu solidarjeta' de facto", kif qal Schuman.

Ir-rinaxximent ser jinġieb min-nisa u l-irġiel li ma jibzġgħux jinnovaw, joħolmu, jimpenjaw ruħhom, jirriskjaw u jikkultivaw sens kollettiv ta' responsabbiltà, filwaqt li jkunu raġonevoli fl-esplorar ta' direzzjonijiet ġodda b'realiżmu passjonat u mhux preġudikat.

Luca Jahier

Il-President tal-KESE

DATI TAD-DJARJU

6-7 ta' Ottubru 2020, Brussell, il-Belġju

Ġranet ta' merħba għall-membri l-ġodda tal-KESE

27-28-29 ta' Ottubru 2020, Brussell, il-Belġju

Tiġdid – Sessjoni plenarja tal-KESE



KAROLINA DRESZER-SMALEC: "IL-CORONAVIRUS: X'TG?ALLIMNA"

F'Marzu 2020, bdejna nintebħu li l-pandemija tal-COVID-19 ma kinitx biss kriżi tas-saħħa; imma kienet se tinfluwenza ħafna aspetti ta' ħajjitna. Għall-assoċjazzjonijiet u l-attivisti deher ċar ukoll li konna se nħabbtu wiċċna ma' sfidi ġodda fil-ħidma tagħna tas-soltu. U kif żvolġew l-affarijiet, is-sitwazzjoni kienet agħar milli konna qed nistennew.

F'Mejju 2020, organizzajna "xarba virtwali". Wara xahrejn ta' lockdown u ħidma online, qtajniha li niltaqqgħu u niddiskutu l-ħsibijiet tal-bidu tagħna dwar dan il-perjodu.

Qattajna f'it s'għat f'dibattitu mqanqal flimkien mal-kollegi mill-Forum Ċiviku Ewropew, network transnazzjonali li jlaqqa' flimkien aktar minn 100 assoċjazzjoni u NGO minn 27 pajjiż fl-Ewropa, li jwettqu ħidma attiva dwar kwistjonijiet bħall-edukazzjoni ċivika, id-difiża tad-drittijiet tal-bniedem u l-konsulenza dwar id-demokrazija. Kulħadd kellu l-perspettiva nazzjonali tiegħu jew tagħha, imma l-konklużjonijiet kienu jixtiebhu.

Abbażi ta' dawn id-diskussjonijiet, abbozzajna t-tagħlimiet li ġejjin...

L-ewwel tagħlima: Is-sigurtà tagħna tiddependi fuq is-sigurtà ta' persuni oħrajn

Għandna bżonn saħħa u protezzjoni soċjali universali għal kulħadd fis-soċjetà tagħna u madwar id-dinja kollha.

It-tieni tagħlima: Ilkoll kemm aħna vulnerabbli u d-destini tagħna jinsabu f'nisġa waħda.

Is-solidarjetà, l-ugwaljanza, id-drittijiet u l-kura jridu jkun l-bażi tar-relazzjonijiet internazzjonali u tar-realtà ta' kuljum tan-nies.

It-tielet tagħlima: Il-ġid komuni jeżisti

L-istituzzjonijiet pubbliċi jridu jipprovdw, jipproteġu u jimplementaw l-ġid komuni, u mhux l-interessi speċifiċi.

Ir-raba' tagħlima: Id-demokrazija hija l-vaċċin li lkoll neħtieġu kontra l-virus

Is-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini, il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini, l-informazzjoni affidabbli, ir-riċerka pubblika u l-edukazzjoni u istituzzjonijiet trasparenti lkoll jiżguraw il-ġid komuni.

Il-ħames tagħlima: Is-sistema tas-suq globali falliet

Jeħtieġ nirrilokaw il-produzzjoni, nimplementaw l-ekonomija ċirkolari u jkollna introjtu bażiku universali għal kulħadd.

Is-sitt tagħlima: Aħna l-kustodji tad-dinja u mhux is-sidien tagħha

In-natura qed tinqeda bil-lockdown biex tirkupra mill-ħsara li għamilna. Jeħtieġ li nirrestawraw l-ġustizzja ambjentali fid-dinja.

Is-seba' tagħlima: Il-ħaddiema essenzjali huma tassew eroj. In-nisa jinsabu fuq il-front

Il-kontribut tan-nisa jeħtieġ jiġi rikonoxxut fil-ġerarkija soċjali, dawk li ma jidhrux irid ikollhom il-kapaċità li jaċċessaw drittijietom bis-sħiħ.

It-tmien tagħlima: Il-ħin jeħtieġ jgħaddi aktar bil-mod

Il-lockdown ġiegħelna nagħtu l-importanza mistħoqqa għar-relazzjonijiet soċjali, il-paċenzja u l-ħniena: jeħtieġ li dan jissokta fit-tul.

Id-disa' tagħlima: Għandna bżonn sigurtà umana, soċjali u ekoloġika

Jeħtieġ li nimpjenjaw ruħna favur irkupru ġust u tranżizzjoni ġusta f'pajjiżna, fl-Ewropa u madwar id-dinja kollha.

L-għaxar tagħlima: Il-ġejjieni jrid ikun differenti mill-passat

Hemm bżonn nieħdu dawn it-tagħlimiet u naġixxu flimkien.

Hemm opportunità li nitgħallmu aktar wara l-kriżi? Kapaċi li nsarrfu l-kriżi f'opportunità ġdida?

Ninsab konvinta li l-ġejjieni jrid ikun differenti mill-passat.



MARTIN SIECKER: NARAW DEJJEM IS-SABI ? TAL-?AJJA

Kollox huwa ġdid, din hija l-ewwel pandemija li għext personalment. Fit-tiftixa fuq l-internet sibt lista bl-aġar għaxar pandemiji fl-istorja u tgħallimt li l-aħħar waħda li laqtet l-Ewropa qabel il-COVID-19 kienet l-influenza Spanjola fl-1920. U jien għandi ż-żmien - imma mhux daqshekk xi.

Is-sieħba tiegħi tista' taqbadha l-marda faċilment minħabba li għandha reżistenza baxxa għall-mard, u jekk taqbadha xi ħaġa tkun vulnerabbli immens għal mard tal-pulmun respiratorju u kroniku. Għalhekk insibuha diffiċli ħafna li jkollna kuntatti ma' oħrajn. Dan iġib esperjenzi ġodda għalina t-tnejn. Kważi għażlet minn rajha li toqgħod f'iżolament biex tevita li tiġi nfettata. U jkollni nagħmel l-affarijiet li kienet tagħmel qabel hi, b'ħax-xiri ta' prodotti tal-merċa. Qabel il-kriżi, tajt sehmi nimbotta l-karru tax-xiri metru 'l bogħod warajha waqt li kienet timlih bil-merċa. Imma issa mhux l-istess.

Kien ħafif nimbotta; sempliċiment insegwi u nhewden kif nista' noħloq dinja aħjar hija u timla l-karru. Mindu rrid nimla l-karru jien stess, ninsab ipparalizzat bl-istress tal-għażla fuq kull xkaffa. Il-lista tax-xiri ssemmi l-kafè, u fuq l-ixkaffa hemm għexieren ta' ditti differenti li kollha jidhru l-istess. U liema toilet paper għandna bżonn - b'saff 1, 2, 3 jew 4 saffi? Marti taf liema prodotti trid u fejn qegħdin, nidħlu u noħorġu f'temp ta' minuti. Għalija l-ħwienet huma labirinti: fit-taqsimi tal-birra biss ma jkollix l-iskumdità tal-għażla, il-bqija kollox jeħodli s-siġhat - mitluf f'dilemmi li jitilfuk minn sensik.

Inħsadt bir-rispons tan-Netherlandiżi fil-bidu fir-rigward tal-pandemija. Ir-reazzjoni tagħhom kienet unanima u ta' solidarjetà. Sfortunatament grupp żgħir ta' individwi żammew l-attenzjoni umana tagħhom għal perjodu ta' żmien pjuttost qasir, grupp deplorabbli li tilef is-sens ta' solidarjetà fi żmien f'tit ġimgħat. In-nies waqfu jirrispettaw ir-regoli,

waħħlu fil-gvern talli dgħajjef id-drittijiet fundamentali tagħhom u l-limita l-erba' libertajiet tagħhom. Allura, biex jeżerċitaw id-dritt inaljenabbli tagħhom li jixxalaw, fetħu kawżi legali kontra l-istat - mitlufin f'dagħdija ta' ġenn.

B'xorti tajba ngħixu fl-Ewropa, fejn id-demokrazija u l-istat tad-dritt huma relattivament iggarantiti sew (f'ħafna mill-Istati Membri) u l-kura tas-saħħa hija tajba meta mqabbla ma' partijiet oħrajn tad-dinja. Ħarsa lejn kif qed jintlaqtu l-ġenerazzjonijiet differenti huwa ċar li minħabba l-età tagħhom huma ż-żgħażaġħ li qed isofru l-iktar minħabba l-virus. Ta' dsatax tkun mistenni li tinnamra, tiskopri s-sesswalità tiegħek u biex tiskopri dik il-ħaġa li tissejjaħ imħabba. Waqt il-pandemija kull tgħanniqa innoċenti hija tabù. Minħabba dan iż-żgħażaġħ iħossu nuqqas ta' sigurtà - b'xewqat li ma jissodisfawx.

Il-mistoqsija prinċipali hija x'se nagħmlu bl-ekonomija. Bidu mill-ġdid ibbażat fuq il-prinċipju ta' "żamma tal-istatus quo" ladarba l-pandemija tkun taħt kontroll? Jew naħtfu l-opportunità, nitbiegħdu minn sistema maħkuma minn monopolisti kannibali u nadottaw mudell inklużiv li jinkludi inizjattivi sostenibbli u fuq skala żgħira f'koeżistenza paċifika ma' kumpaniji kbar responsabbli? L-għażla bejn status quo jew inkella nibdlu l-imġiba tagħna tan-ngħaġ ta' Bendu se tiddetermina l-ġejjieni tagħna u tagħżel bejn is-sopravivenza jew l-estinzjoni tagħna - mitlufin fl-abbissi tal-qerda tagħna stess.

Nixtiqilkom ilkoll żmien sabiħ, b'meditazzjoni, riflessjoni u - lil dawk ikkonċernati - indiemna.



JOŽE SMOLE: "?RI?NA MILL-KRI?I MAG? QUDIN U AKTAR B'SA?ITNA"

Sibna ma' wiċċna sitwazzjoni li qatt ma konna għexna. Il-virus wasal f'daqqa waħda u kien qed jinfirex malajr ħafna, u dan wassal biex il-pajjiż kollu jitqiegħed taħt kwarantana sħiħa. Peress li din kienet l-ewwel darba li kellna sitwazzjoni bħal din, ma kellna l-ebda esperjenza ta' kif nindirizzawha bl-aktar mod effiċjenti. X'se jiġri issa, bdejna nistaqsu lilna nfusna. Fil-bidu konna mbeżżgħin u ma nafux x'se nagħmlu. Fin-negozju, il-pjani kollha għas-sena attwali (2020) twarrbu prattikament f'ħakka t'għajn, u minħabba l-inċertezza tas-sitwazzjoni, il-pjani futuri kollha huma wkoll maħkumin minn livell għoli ta' inċertezza.

Konna qed nistaqsu lkoll l-istess mistoqsija: xi jmiss? Kif se naġixxu f'din is-sitwazzjoni: il-kwarantana, iżolament sħiħ u mingħajr idea meta se jgħaddi kolloxx? L-akbar biżgħat u tħassib huma dejjem ikkawżati min-nuqqas ta' kapaċità li wieħed ibassar x'se jiġri wara. Fil-bidu n-negozji wkoll irreaġixxew bl-istess mod. Kollha kemm huma xtaquna ngħidulhom kemm se ddum għaddejja aktar is-sitwazzjoni, x'se jkun ir-rispons tal-

gvern u x'tip ta' għajna setgħu jistennew. Diġà minn stadju bikri ħafna, beda joħroġ ċar li mhux ilkoll kemm aħna konna fl-istess pożizzjoni: il-kriżi ħarbtet ċerti setturi ekonomiċi, bħat-turiżmu u l-loġistika, filwaqt li gābet magħha opportunitajiet u sfidi ġodda għal setturi oħrajn bħall-IT u l-industrija tal-ikel.

Konna xxurtjati li l-gvern, minkejja li kien għadu kif ġie kostitwit, irreaġixxa malajr u sew, u b'hekk fassalna flimkien programmi ta' azzjoni, appoġġ u inċentivi, eċċ. Għal dan il-għan, żammejna kuntatt dirett u kontinwu ma' għadd kbir tal-membri tagħna minn setturi differenti, sabiex inkunu infurmati tajjeb kemm jista' jkun dwar il-qagħda fis-setturi differenti, niġbru l-akbar numru ta' ideat dwar liema tip ta' għajna tkun l-iktar effiċjenti, u niprovdu informazzjoni lir-rappreżentanti tal-gvern.

Huma l-komunikazzjoni wiċċ imb wiċċ u l-kuntatti li l-aktar inħoss in-nuqqas tagħhom. Il-fatt huwa li matul dan il-perjodu, il-komunikazzjoni bdiet issir kemm jista' jkun online, filwaqt li l-komunikazzjoni wiċċ imb wiċċ kważi għebet għal kolloxx. Il-qabża enormi tad-diġitalizzazzjoni fil-komunikazzjoni elettronika fi ħdan in-negozji u bejn l-Istat u n-negozji kif ukoll mal-pubbliku u mal-utenti, tista' titqies bħala waħda mill-akbar

benefiċċji tal-COVID-19.

Ir-riżultati wrew li l-aktar importanti huma organizzazzjoni tajba u dixxiplina min-naħa taċ-ċittadini kollha meta jaċċettaw u jirrispettaw l-istruzzjonijiet u l-miżuri, għax hekk biss jistgħu jinstabu soluzzjonijiet tajbin.

Il-fatt hu li l-COVID-19 se ġgħib ħafna bidliet f'diversi oqsma. Madankollu, lanqas biss nafu kemm se ttul aktar l-epidemija tal-COVID-19; u lanqas jekk, wara li tkun għaddiet, hux se nibdew ngħoddu l-ġranet bejn l-ewwel mewġa tal-COVID-19 u l-mewġa li jmiss, peress li mhux se nkunu nistgħu neħilsu mill-virus darba għal dejjem. Il-kriżi feġġet fl-oqsma kollha, mill-edukazzjoni u s-saħħa sas-setturi finanzjarji u ekonomiċi, fost oħrajn. Ma nafux kif se tkun is-sitwazzjoni ladarba tgħaddi l-kriżi jew kemm se tkun intlaqtet ħażin l-ekonomija.

Se jkun hemm diversi bidliet li għad ma nafux bihom; għalhekk ikun żbaljat li nistaqsu liema impjegi se jintilfu. Irridu nagħmlu kull sforz biex niżguraw li meta l-kriżi tispiċċa, in-negozji tagħna u b'hekk l-impjegi tagħna jkunu kemm jista' jkun kompetittivi. Se jirnexxielna nagħmlu dan mhux biss bl-għajnuna mill-Istat imma anke permezz ta' edukazzjoni kontinwa fil-livelli kollha.

Il-fatt hu li dak il-perjodu ta' iżolament urienu biċ-ċar li l-komunikazzjoni diġitali waħidha ma tistax tiegħu post il-kuntatt wiċċ imb wiċċ, sew fl-iskejjel, kif ukoll fin-negozju jew f'attivitajiet oħrajn. Għalhekk, l-għan tagħna huwa naturalment li terġa' tiġi stabbilita komunikazzjoni wiċċ imb wiċċ, kemm fi ħdan l-assoċjazzjoni tagħna kif ukoll ma' dawk kollha li bħalissa qegħdin nikkomunikaw magħhom biss permezz tal-għodod online.



JANUSZ PIETKIEWICZ: IS-SERVIZZI TA' INTERESS ĠENERALI U L-PANDEMIJA

Hekk kif Frar ġie fi tmiemu u dħalna f'Marzu, filwaqt li kienu qed isiru studji u dibattiti, ħadna sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet ferrieħa ta' *Martenitsa* tal-ħbieb Bulgari tagħna, proprju kif nagħmlu ta' kull sena għal dil-ħabta. Ilbisna brazzuletti rqaq magħmula minn spag aħmar u abjad immaljat u ngħataw pupi taċ-ċarruta bħala simbolu ta' xorti tajba. L-ottimiżmu tar-rebbiegħa li ġejja kien tanġibbli. Awgurajna suċċess lil xulxin għall-aħħar parti tal-mandat ta' ħames snin fil-KESE.

Istintivament, bqajna 'l bogħod mit-theddida għall-ħajja ordnata tagħna fil-qalba tal-UE rrappreżentata mill-virus li kien qed jinfirex fl-Asja. Huwa minnu li diġà kienu qed jaslulna sinjali u twissijiet serji min-Nofsinhar tal-Ewropa, iżda kellna niproteġu l-proċeduri tal-istituzzjonijiet Ewropej mill-pandemija. U barra minn hekk, kif iċċajtax il-kollegi tagħna ta' lil hinn mid-Danubju, qatra mediċina mill-ispiżerija tad-dar - i.e. *Martenitsa* rakia - żgur ma setgħetx tagħmel ħsara. Tabilħaqq, it-talbiet għad-diżinfettant fil-kmamar tal-laqgħat ġew injorati, iżda ġejja assigurati li r-riskju kien qed jiġi segwit bir-reqqa, u għalhekk il-biżgħat tagħna dwar il-virus ittaffew.

Sa nhar l-Erbgħa 11 ta' Marzu kont għadni qed niddiskuti r-rakkomnadazzjonijiet dwar il-Pjan ta' Investiment għal Ewropa Sostenibbli fil-grupp ta' studju ECO/505. Fis-sezzjonijiet, fassalna pjani ta' azzjoni u bbukkajna l-vjaġġi li jmiss tagħna, u mbagħad f'daqqa waħda, ġimgħa wara, il-ħajja waqfet ħesrem. *Lockdown!* Metaforikament nista' nikkumpara din is-sitwazzjoni ma' ferrovija li tieqaf ħesrem, bl-isparks

itiru minn taħt ir-roti.

Ħadd ma stenna l-miżuri ta' konteniment li kienu qed isiru aktar stretti ġurnata wara oħra. Laqtu s-sisien ta' ħajjitna. Kien tsunami psikoloġiku, partikolari, dieqa li taħkem ir-ruħ, kif kieku kien jgħid il-poeta l-defons Gałczyński. Konna sorpriżi bil-ħtieġa li wieħed jibqa' d-dar u l-biża' ta' kuljum. Staqsejna dwar kif wieħed jista' jikseb għajnuna u prodotti essenzjali, kellna bżonn naħsbu mill-ġdid dwar id-drawwiet tagħna.

Qatt ma għaddieli minn moħħi li kelli nistenna sa Ġunju biex nirritorna Brussell, u nivvjaġġa bil-karozza tul awtostradi vojta għaliex it-titjiriet kienu għadhom ma bdewx jaħdmu. Niftakarni nistampa l-"permess" biex nivvjaġġa li rċevejt b'email mis-Segretarju Ġenerali - *il-laissez-passer COVID-19*, li nħareġ fid-29 ta' Mejju 2020 f'erba' lingwi u mżejjen b'timbru tond imponenti. Dan kellu jiggarrantixxi li ma ninzamx fi kwarantina.

Biex inkun ċert, ikkonfermajt dan kollu billi ċempilt lill-uffiċċji tal-Awtorità tas-Saħħa Ġermaniża (*Gesundheitsamt*) tar-reġjuni li kelli nivvjaġġa minnhom. Fit-8 ta' Ġunju, fi Brussell ħadt sehem fl-ewwel laqgħa ibrida tal-grupp ta' studju ECO/510 u mbagħad fis-sessjoni plenarja tal-10 u l-11 ta' Ġunju.

Il-midja pubblika u soċjali kienet mifqugħa b'kummenti u suspetti dwar il-ħallieqa reali mistħajla tal-virus. Ғasra li, għall-inqas għalissa, dawn ma wasslux għal kapulavur kontemporanju fil-vina ta' *Decameron* ta' Giovanni Boccaccio tas-Seklu 14 jew *Il-Pesta*, ir-rumanz ta' Albert Camus tal-1947, li verament juru n-nuqqasijiet tan-natura umana u l-ġlieda tal-umanità kontra l-mard.

Fid-dawl tal-esperjenza tal-lockdown madwar id-dinja u t-twissijiet ta' attakk ieħor tas-SARS-CoV-2, did-darba flimkien mal-influenza staġjonali li biha kull sena jmutu ħafna nies f'ħafna pajjiżi – saħansitra aktar mill-COVID-19 attwalment, irriflettejt dwar it-tifsira ta' "servizzi ta' interess ġenerali", li ġew traskurati għal bosta deċennji.

Il-pandemija tal-COVID-19 fl-aħħar ħarġet fid-dieher il-funzjoni importanti immens u ta' stabilizzazzjoni tal-provvedituri lokali, reġjonali u Ewropej ta' dawn is-servizzi. Il-qasam soċjali fl-aħħar beda jemmen li għandhom rwol essenzjali, li huwa s-sinsla tal-mudell soċjali Ewropew u potenzjalment ta' rkupru pożittiv tal-ekonomija fil-qafas tal-istrumenti Next Generation EU u l-Patt Ekoloġiku Ewropew.

Is-servizzi tal-enerġija u l-ilma, it-trattament tal-iskart u t-trasport pubbliku fi żminijiet ta' kriżi ekonomika żguraw il-kontinwità tal-kurrenti tal-ħajja fil-komunitajiet tagħna u provdew sigurtà. Wara kollox, mingħajr investimenti preċedenti f'dawn is-setturi, ma kienx ikun possibbli li nwettqu azzjonijiet li nagħmlu ta' kuljum, bħal li ninħaslu filgħodu f'darna, li nagħmlu belgħa kafè, jew li nidħlu għax-xogħol jew naslu l-isptar fil-ħin. Dan japplika wkoll għal kwistjonijiet ta' kura tas-saħħa, kura għal persuni b'diżabbiltà u persuni anzjani. Dawn ma jistgħux jiffunzjonaw mingħajr proċeduri għall-ġestjoni tal-kriżijiet, jew jekk ma jkunx hemm fehim politiku dwar is-servizzi ta' interess ġenerali u appoġġ pubbliku għalihom.

Bl-istess mod, irridu nħarsu lejn il-qasam importanti immens tal-edukazzjoni, ir-riċerka u l-kunċett ġenerali tal-kultura, u huwa biss wara li nagħmlu dan li nkunu nistgħu nilmentaw dwar dak li esperjenzajna matul il-kriżi.



GIULIA BARBUCCI: LE?EN IT-TREJDIJUNJINI ?MU F'DAWN L-A??AR XHUR KIEN IKTAR B'SA??TU MINN QATT QABEL

11 ta' Marzu, lura d-dar, Ruma. Klima tqila u ta'dwejjaq; fit-Tramuntana tal-Italja l-mejtin diġà qegħdin jingħaddu. It-tifla tiegħi Ilaria reġgħet lura minn Milan, fejn tistudja, u Miriam, il-kbira, tgħix u taħdem f'Barcellona, u hija mħassba ħafna dwar dan.

Filgħaxija, il-Prim Ministru Conte jiddikjara l-kwarantina għat-territorju nazzjonali kollu. Fiż-żoni "ħomor" tat-Tramuntana, l-imblokk huwa diġà attiv u jipprevedi l-iżolament taċ-ċittadini ta 'dawk iż-żoni.

L-iskejjel jingħalqu, il-kampjonat tal-futbol u l-attivitajiet rikreattivi u sportivi jiġu sospiżi, u ż-żjarat lill-morda fil-faċilitajiet tas-saħħa huma pprojbiti. Ma nistgħux nivvjaġġaw bit-trasport pubbliku jew privat, u attivitajiet ta' produzzjoni bla bżonn jiġu interrotti.

L-Italja tinħakem minn atmosfera ta' irrealità. Diżorjentament, biża': il-virus jidher li qed jespandi bla kontroll u huwa impossibbli li jitwaqqaf.

Żewġ immaġini jissimbolizzaw ir-realtà ħarxa: il-kolonna twila ta' vetturi militari f'Bergamo li qed jittrasportaw l-iġsma barra mir-reġjun, minħabba li m'hemmx aktar spazju fiċ-ċimiterji, u l-immaġni b'saħħitha u li ma titħassarx tal-Papa Franġisku titolbu fil-Pjazza vojta ta' San Pietru, fit-28 ta' Marzu, f'xandira dinjija fuq it-TV.

It-trade union Taljana tieħu azzjoni immedjatament mal-gvern għas-sikurezza tal-attivitajiet ta' produzzjoni essenzjali, biex dawn jinżammu miftuħin biex jiggarrantixxu liċ-ċittadini l-provvisti meħtieġa fis-supermarkets jew mediċini fl-ispiżeriji. L-unjoni qatt ma waqqfet l-attività b'apport għal dawk li qed jtilfu l-impjeg tagħhom, jew biex tfittex ftehim ma' intraprendituri biex tibda xogħol mill-bogħod, jew biex tiggarrantixxi apport għad-dħul, li m'għadux assigurat.

Is-sitwazzjoni fl-isptarijiet hija barra mill-kontroll: ma fadalx sodod vojta, il-kura intensiva waslet fil-limitu tagħha, kif ukoll il-ħaddiema tas-saħħa: l-infermiera, it-tobba, l-attendenti, li huma mġiegħla jibqgħu 'l bogħod mid-dar fil-kwarantina, jaħdmu bla heda, bil-piż psikoloġiku enormi li jassistu lin-nies li qed imutu mingħajr il-wens tal-maħbubin tagħhom.

F'dak l-istadju lkoll għedna lilna nfusna li "qatt ma aħna se ninsew dak li ġara". Illum qed nippruvaw nimxu 'l quddiem, iżda l-virus mhux megħlub: tifqigħat żgħar jew kbar qed jinbtu fid-diversi pajjiżi tal-Unjoni, u kull wieħed qed jirreaġixxi bil-mod tiegħu, bil-miżuri tiegħu stess. Huwa proprju issa li l-Unjoni Ewropea, bis-saħħa tal-isforz ekonomiku enormi li stabbiliet għall-pajjiżi kollha, għandha taġixxi b'mod kumpatt billi tikkoordina l-isforzi tal-Istati individwali, peress li dan għadu diffiċli. Iżda din il-gwerra ma tistax tintrebaħ waħedha.

Il-vuċi tat-trade union fl-aħħar xhur kienet aktar b'saħħitha minn qatt qabel. It-trade union mhijiex kunċett astratt: huma ħaddiema rġiel u nisa li jindikaw lill-pajjiż it-talbiet it-tajba għall-ugwaljanza soċjali, id-dinjità u

r-rispett. Dawk li esperjenzaw ir-realtà tal-isptarijiet, id-djar tal-anzjani, il-kummerċ, it-tindif, it-trasport, in-negozji fejn id-drittijiet bażiċi dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol qed jiġu miksur, jistgħu juruna kif nistgħu nibdlu mudell ekonomiku u soċjali li qed jikxef il-limiti tiegħu u jhedded il-futur ta' 'dawk li jiġu warajna.

Propriu hekk nixtieq għall-bniet tiegħi, għal Ilaria li tistudja Milan, u għal Miriam li taħdem Barcellona: dinja mfasla apposta għalihom, sostenibbli f'livell ekonomiku, ambjentali u soċjali.



DILYANA SLAVOVA: IL-COVID-19 G? ALLMITNI MA NIPPOSPONIX IL-PRO?ETTI TA' ?AJTI

L-impatt tal-pandemija wassal biex il-fruntieri fl-Ewropa reġgħu ġew viżibbli, kultant anke fl-istess pajjiż. Wieħed jista' jaħseb li, b'riżultat ta' dan, l-ambitu għal kooperazzjoni transnazzjonali fost ir-reġjuni u l-bliet naqas. Iżda fil-fatt, ġara pjuttost il-kuntrarju.

Kif kienet l-esperjenza tiegħek waqt il-lockdown fil-Bulgarija? Għal persuna bħali li tħobb ħajja dinamika u mimlija enerġija fl-arja aperta, kienet diffiċli. Kien hemm ħafna restrizzjonijiet. Kellna nibqgħu d-dar u stajna noħorġu biss waqt il-ħinijiet tal-ftuħ tal-ħwienet essenzjali biex nixru l-ikel, il-mediċini jew prodotti tad-dar. Distakkar soċjali ta' >1.5 m kien obligatorju fil-ħwienet u inti u tistenna biex tidħol. Kienet ikkumplikata ħafna: kull meta kont titlaq mill-belt ta' Sofia, kellek timla formola li tiddikjara r-raġuni u l-post fejn kont sejjer. Kellek turiha lill-pulizija kull meta jitolbuhielek.

L-aħbar pożittiva hija li l-popolazzjoni saret ħafna iżjed awtosuffiċjenti u r-residenti saru japprezzaw ħafna iktar l-ikel lokali, il-fornituri lokali u ktajjen tal-provvista tal-ikel qosra. Żdiedet id-domanda għall-ikel mill-irziezet u l-ikel li jinxtara direttament mill-produtturi. Inizjattivi fil-livell lokali qed jippromovu l-ġardinaġġ u l-produzzjoni fuq skala żgħira tal-ħxejjex u l-ħwawar.

Is-swieq fil-miftuħ baqgħu miftuħin għall-pubbliku. Dawn jirrappreżentaw post tradizzjonali għall-bejgħ tal-ikel, żrieragħ, nebbieta veġetali, frott u ħxejjex u fjuri. Li dawn inżammu miftuħin – b'miżuri ta' sikurezza stretti li kellhom jiġu rispettati – ikkontribwixxa għall-preservazzjoni ta' sens ta' normalità u rutina familjari.

Fiż-żoni muntanjużi gruppi ta' azzjoni lokali wkoll kienu attivi. Sabiex il-produtturi lokali ta' ikel imkabbar lokalment jiġu appoġġjati aktar matul il-pandemija, bdew jiġbru u jaqsmu kuntatti utli fuq is-siti tal-internet tagħhom.

Fil-fatt, f'konformità mad-diversi restrizzjonijiet tal-ivvjaġġar u ta' kuntatt, fl-organizzazzjoni tiegħi kellna nħassru ħafna mil-laqqgħat u l-avvenimenti fiżiċi li ssoltu jiffaċilitaw l-istabbiliment ta' inizjattivi kooperattivi u t-tixrid tar-riżultati. Madankollu, dawn ir-restrizzjonijiet ma waqfux l-attivitajiet tagħna – xejn affattu. Qed inkomplu naħdmu flimkien b'mod effiċjenti biex ir-reġjuni muntanjużi jsiru aktar b'saħħithom u saħansitra aktar reżiljenti. F'xi każijiet, adattajna l-pjani ta' ħidma tagħna u issa qed niżviluppaw soluzzjonijiet komuni sabiex ngħinu lir-reġjuni u l-bliet vulnerabbli tal-UE jkempaw aħjar fl-emerġenza attwali.

Bdejna "Giving a hand", pjattaforma sabiex inrawmu s-solidarjetà fiż-żoni rurali. Din tippromovi s-solidarjetà bejn in-nies, u tgħaqqad persuni li jeħtieġu assistenza ma' voluntiera li huma lesti li "jagħtu id" litteralment. L-attivitajiet attwali tagħha huma ffokati fuq l-għajnuna mogħtija lil persuni vulnerabbli, diżabbli u anzjani, permezz ta' xiri jew kura fid-dar (mhux kura personali) u permezz tal-arranġament ta' servizz ta' babysitting għall-ġenituri li jkollhom jaħdmu u ma jistgħux isibu soluzzjoni oħra għat-tfal tagħhom.

Ħafna inizjattivi oħrajn marru tajjeb fiż-żoni rurali u muntanjużi, u dan huwa evidenza tar-reżiljenza u s-sens qawwi ta' assistenza reċiproka li huma b'saħħithom fil-komunitajiet tagħna. Li tgħallimt matul dan iż-żmien huwa li ma nipposponix il-proġetti ta' ħajti! Li tkun attiv isalvak fi żminijiet diffiċli.



CLAUDINE OTTO: FIL-LIVELL EWROPEW G ?ANDHA TITQIES AKTAR AWTONOMIJA FIR-RIGWARD TAL-GLOBALIZZAZZJONI.

Hekk kif tħabbar il-konfinament, it-toroq tbatltu. Dak li huwa impressjonanti huwa s-silenzju. Spiċċa l-ġiri lejn ix-xogħol, l-ivvjaġġar barra l-pajjiż għal laqqgħa ta' sagħtejn, il-ħornijiet tat-traffiku fil-belt, il-karozza tal-linja li ma tasal qatt. Bħal ħafna oħrajn ikkonformajna ma' dan il-konfinament sfurzati, u għamilna l-almu tagħna biex ngħixu b'dan il-mod ġdid ta' ħajja. Filwaqt li jien faċilment stajt naħdem mid-dar, żewġi ma setax jagħmel dan, għax xogħolu u l-infrastrutturi la kienu u lanqas huma lesti għal dan. Dan in-nuqqas ta' adattament madakollu kissritlu l-iljieli bil-ħsibijiet minħabba l-ammont ta' assentiżmu tal-impjegati tiegħu. Il-biżgħa nfirxet malajr daqs kemm infirex il-virus stess.

Issa li għaddiet l-ewwel mewġa, nistaqsi lili nnifsi: f'liema stat fiżiku, soċjali u ekonomiku se noħorġu minn din il-kriżi? Filwaqt li l-pandemija wasslet biex jiġi prijoritizzat l-essenzjali u jkun hemm sensibilizzazzjoni ekoloġika, din kienet ix-xhieda wkoll ta' mġiba individwali fil-livell nazzjonali u globali. Ħadd fil-Lussemburgu ma emmen li l-fruntieri kienu se jerġgħu jingħalqu. Ix-xogħol transkonfinali huwa essenzjali fil-Gran Dukat u r-restrizzjoni fil-moviment liberu tal-persuni ġiegħlna nibzġu li kien se jkun hemm nuqqas ta' ħaddiema fil-kura tas-saħħa, fost affarijiet oħra.

Din il-kriżi hija wkoll opportunità biex inħarsu lejn il-vulnerabbiltà tagħna. Qegħdin niskopru li niddependu mhux biss mill-ħaddiema fil-kura tas-saħħa, iżda wkoll mill-imġiba ta' ħaddieħor.

L-irkupru ekonomiku se jinkiseb flimkien. Għandna nevitaw in-nazzjonaliżmu u l-kollass tal-ekonomiji, filwaqt li xi pajjiżi jiddiskutu n-nazzjonalizzazzjoni tal-katini tal-valur, f'isem ir-reżiljenza. Fil-livell Ewropew għandha titqies aktar awtonomija fir-rigward tal-globalizzazzjoni. B'din il-kriżi nistgħu ngħidu li għandna l-opportunità nosserva mument ta' waqfien, li għandu jgħinna nirriflettu fuqna stess.



RENATE HEINISCH: NEGĦLBU S-SOLITUDNI FLIMKIEN

Bħala spiżjara, waqt il-pandemija tal-coronavirus, segwejt mill-qrib it-tema tal-mediċina tal-ġeneru. B'mod partikolari, id-differenzi bejn il-ġeneri fir-rigward tal-COVID-19 fil-qasam tas-saħħa mentali huma impressjonanti.

Jidher li l-irġiel, b'mod partikolari dawk żgħażaġħ, jeħtieġu kura intensiva aktar ta' spiss u għandhom probabbiltà ogħla li jmutu.

Mil-lockdown 'il hawn, in-nisa żgħażaġħ qed jimirdu aktar ta' spiss minħabba r-rwol ġdid tagħhom: impjeg prekarju, aktar xogħol part-time, żieda fil-kuntatt man-nies, anqas telexogħol, xogħol ta' kura.

Jeħtieġ li nikkunsidraw mill-ġdid ir-rwol tan-nisa u tal-anzjani fil-familji, għax anke l-anzjani qed ikunu ddiskriminati. Se nkompli niddiskuti din il-kwistjoni regolarment.

Matul dan il-perjodu, poġġejt fuq il-bank barra l-ispiżerija tagħna u ddiskutejt dan mal-membri tal-familja, u kollha kienu sodisfatti dwar dawn id-djalogi.

Mort ukoll fit-triq quddiem id-dar tal-anzjani u sellimtilhom waqt li kienu f'kamrithom, u anke kantajna lkoll flimkien.

Hemm bżonn li tingħeleb is-solitudni u li l-qraba jingħataw appoġġ. Dawk li jfasslu l-politika jridu jqisu dan meta jippromovu l-impjeggi f'dan il-qasam, iżda sakemm jinkiseb dan, kollha kemm aħna rridu nagħtu l-appoġġ tagħna.

Intervistajt ukoll lil xi ġenituri dwar l-edukazzjoni u organizzajt vidjokonferenzi mal-għalliema dwar il-litteriżmu medjatiku.



LAURE BATUT: BI?A', RE?ILJENZA, U MBAG?AD?

L-ewwel, il-biża' u l-istagħġib

Biża', dik reali. Dik li waqqfet kollox, dik li meta jitħabbar l-ammont ta' mwiet kull filgħaxija, iġġiegħlek tibża' għall-qraba tiegħek, għaż-żgħażaġħ, għall-anzjani, għall-vulnerabbli. Biża' li tfakkarna li d-dlam qed jitlajja', qed jistenna.

L-istagħġib ġie minħabba li s-servizzi ċentrali tas-saħħa ta' Franza, mill-korp mediku saċ-ċittadini, ma kienux ippreparati; kollha kienu nieqsa mill-mezzi bażiċi biex jiproteġu lilhom innifishom, biex jieħu ħsieb tagħhom stess. Stagħġib ukoll minħabba l-kapaċità tas-soċjetà ta' pajjiż bħall-Franza, inklużi t-territorji Franċiżi extra-Ewropej, li f'mument wieħed, twaqqaf kull ħoss ta' attività, tabbanduna l-bliet u l-iskejjel, wara xitwa b'xenqa soċjali leġittima fit-toroq.

Id-dinja, globalizzata dejjem aktar minħabba l-pandemija, tkissret mill-konfinament f'ammont limitat ta' individwi li jgħixu fejn xulxin, iżda separatament. Il-pandemija kabbret d-disparitajiet kollha.

Ir-ritorn tal-Istat

Il-kompitu tas-servizzi pubbliċi, partikolarment tas-saħħa, huwa li l-ħajja toħroġ rebbieħa; bil-mod il-mod ingħataw il-loġistika meħtieġa, b'xi miżuri li kienu biss għall-għajn, bħat-trasferimenti ta' xi pazjenti bil-ferrovija jew l-elikotteri, filwaqt li l-kliniċi privati, li kienu lesti jgħinu, ma ntużawx.

L-Istat għen lill-intrapriżi ta' servizzi essenzjali fil-belt, biex ikun żgurat li l-ħajja tibqa' għaddejja, permezz tal-provvisti, l-indafa, eċċ.

Iżda l-impjegati tagħhom kienu f'sitwazzjonijiet differenti ħafna fir-rigward tal-protezzjoni mill-virus, u ma rċevewx kumpens b'mod sistematiku.

Imbagħad, ir-reżiljenza

Din waslet permezz tar-rabta, bejn l-għalliema u l-istudenti tagħhom, permezz tan-networks, it-telefown, ir-radju, it-televiżjoni, il-midja, b'messaġġi essenzjali u allegri: imla l-ħin, immaniġġja l-ħin u aħdem. Kull filgħaxija fit-8, iċ-ċittadini, minn wara t-twieqi tagħhom, ċapċpu lill-persunal mediku; l-Istat ma rrikonnoxxihomx kif kien jistħoqqilhom.

L-impjegati skoprew il-kapaċitajiet tagħhom ta' innovazzjoni. It-telexogħol, li xi drabi ċċaħħad lil xi impjegati, infirex malajr. Il-ġenituri, speċjalment l-ommijiet, kellhom jagħmlu żewġ xogħlijiet, tagħhom u dak ta' għalliema.

Ir-rwol tat-trade unions bħala intermedjarji bejn l-impjegati, l-impjegaturi u l-gvern reġa' ġġustifika l-azzjoni tagħhom fil-pajjiż. Wieħed jispera li nisimgħuhom u nisimgħu minnhom.

L-Ewropa

Permezz tal-ewwel dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni, l-UE mmeraviljat lin-nies!

Tħabbar ħafna iktar minn Pjan Marshall. Nifs ta' rkupru! Iżda, il-gvernijiet u l-Parlament malajr sabu raġuni biex ikarkru, bħalma jagħmlu s-soltu.

Madankollu, ħafna negozji żgħar – dawk bi ftit impjegati u ftit li xejn fondi – diġà fallelw fil-pajjiż, ristoranti żgħar li nbiegħu bit-telf, żgħażaġħ li kienu għadhom kemm jibdew. Il-banek ma kinux hemm għalihom. L-impjegati għandhom id-dritt li jirċievu beneficiċċji parzjali tal-qgħad sa Settembru. U wara? Kumpaniji kbar, minkejja l-għajjnuna li rċevew mingħand l-Istati, bħall-Air France-KLM (EUR 7 biljun riċevuti min-Netherlands u Franza), l-Airbus ... keċċew b'mod skandaluż lill-impjegati tagħhom. Dan kollu meta 700 000 żagħżuġħ u żagħżuġħa se jibdew ifittxu xogħol wara s-sajf.

Il-ġurnata ta' wara?

Qed tidher dejjem aktar bħall-ġurnata ta' qabel! L-ewwel nett minħabba li l-virus għadu jdur. It-tieni nett, minħabba li r-riformi li kienu bdew "qabel" ser ikomplu "wara", waqt li d-dinja tax-xogħol fi Franza xebgħet. Il-gvern assigura liċ-ċittadini li t-taxxi mhux se jintużaw biex jiġi ffinanzjat it-tnaqqis ta' 13 % tal-PDG; iżda l-litanija ta' tkeċċijiet u ta' żieda fil-prezzijiet ta' dan is-sajf ma tieqaf qatt, kemm jekk l-enerġija, it-trasport, il-frott u l-ħaxix.

Meta jitqiesu l-lezzjonijiet misluta minn din il-kriżi, l-organizzazzjoni tax-xogħol se tinbidel. It-telexogħol, ix-xogħol fil-pjattaformi, bil-konferenzi bil-vidjo, se jeħtieġu regolamenti li għadhom ma jeżistux. Wara r-reżiljenza, hemm bżonn tal-viġilanza. Il-kriżi se turina li dawk li huma l-aktar b'saħħithom ekonomikament se jkunu l-aħjar u li dawk bl-inqas riżorsi se jkomplu jsofru? Fir-reġjun ta' Pariġi, kien l-ifqar dipartiment li kellu l-aktar mard. Sfortunatament xejn ġdid!



BENTE SORGENFREY: NIFFOKA FUQ DAK LI HU ESSENZJALI F'AJTI

Meta fil-11 ta' Marzu faqqgħet il-kriżi tal-coronavirus fid-Danimarka, jien u l-kollegi tiegħi konna mħabbtin niżguraw li l-membri tagħna setgħu jaffrontaw il-konfinament bl-aħjar mod possibbli. Ħafna impjegati kellhom jaħdmu mid-dar, oħrajn f'sitwazzjonijiet stressanti fl-isptarijiet, fid-djar tal-kura tal-anzjani u fis-settur tas-servizzi, li baqgħu miftuħa matul il-kriżi. Tweġibiet ċari u kooperazzjoni mill-qrib mal-kollegi kienu bżonjużi.

Bħala l-Viċi President tal-Konfederazzjoni Ewropea tat-Trade Unions, kelli bżonn ukoll naħdem ma' kollegi f'pajjiżi oħra. Kont sodisfatta ħafna meta fl-14 ta' Marzu l-Gvern Daniż u l-imsieħba soċjali kkonkludew ftehim tripartitiku dwar kumpens temporanju għall-pagi. Il-ftehim ikopri lill-impjegati li jaħdmu ma' kumpaniji privati li qegħdin isofru minn diffikultajiet finanzjarji partikolari minħabba l-COVID-19.

Il-kumpaniji użaw l-iskema l-ġdida ta' kumpens għall-pagi fejn għażlu li jirrinunċjaw il-mekkaniżmi eżistenti għat-tkeċċijiet temporanji mingħajr paga tal-ħaddiema. Ġew stabbiliti skemi ta' appoġġ għan-negozji ż-żgħar, għall-ħaddiema li jaħdmu għal rashom u għall-ħaddiema indipendenti. Xi partijiet mill-ftehim dalwaqt jiskadu u attwalment qegħdin ninnegozjaw ftehim ġdid sabiex il-ħaddiema jibqgħu jiġu protetti.

Jien stess qed naħdem mid-dar u malajr sirt nuża' b'mod eċċellenti l-għodod virtwali l-ġodda. Dan iż-żmien id-dar seta' kien stressanti ħafna minħabba l-inċertezza dwar il-futur, iżda fl-aħħar mill-aħħar ippermetteli niffoka kompletament fuq xogħli u kelli aktar ħin ma' familti. Ninsab konvinta li dawn l-aħħar xhur ippermettewli u lill-kollegi tiegħi niffukaw aktar fuq il-missjoni ewlenija tagħna u kkontribwixxew għal dixxiplina akbar fil-laqqgħat. Personalment dan kien ifisser ukoll li stajt nikkonċentra fuq dak li hu essenzjali f'ħajti.



ARNAUD SCHWARTZ: KRIŻIJIET TAS-SA?? A, EKOLOĠI?I, SOĠJALI, EKONOMI?I: EJJEW NIKKOOPERAW G?AL DINJA ABITABBLI

Lil hinn min-nazzjonaliżmu introspektiv u t-tentazzjoni awtoritarja, il-kooperazzjoni hija vitali fil-livell Ewropew. Huwa essenzjali li l-pajjiżi jaħdmu flimkien biex jiġġieldu l-virus ida wkoll biex jindirizzaw il-kawżi u l-konsegwenzi tiegħu, speċjalment peress li l-pandemija tal-futur, bħattniġġis, it-tibdil fil-klima jew il-kriżi tal-bijodiversità, ma għandhomx fruntieri. L-Ewropa għandha lievi b'saħħithom biex tqiegħed l-interess ġenerali fil-qalba tal-iżvilupp tal-kontinent. Billi ntejbu l-Patt Ekoloġiku, il-Politika Agrikola Komuni u l-Qafas Finanzjarju Pluriennali nistgħu nwettqu bidla ewlenija fir-rigward tal-proġetti u l-finanzjamenti Ewropej u nazzjonali sabiex l-Ewropa, mexxejja dinjija, tiegħu t-triq lejn dinja abitabbli.

It-triq biex niprijoritizzaw il-kooperazzjoni minflok il-kompetizzjoni, u biexi naqsmu mil-livell individwali lejn dak internazzjonali mhijiex waħda bla xkiel. Li niddefendu l-interessi personali tagħna huwa komdu ħafna. Fid-dawl ta' din it-tentazzjoni, irridu niftakru li din il-viżjoni fil-perjodu qasir twassalna għall-falliment: nerġġhu nsibuha ma' wiċċna b'effett boomerang. Il-kriżijiet huma storiċi, l-isfida tidher immensa u mhux se jirnexx ilna jekk naġixxu waħedna.

It-talba tiegħi hija ċara: biex noħorġu minn din il-kriżi, irridu nwarribu l-egoiżmu u nikkooperaw għas-servizz tal-interess ġenerali. Huw ħsieb tiegħek innifsek, tal-għeżiż tiegħek, tal-persuni fil-bżonn, l-ambjent li qed ngħixu fih u ejjew nipprovaw nużaw l-enerġija tagħna biex noħorġu b'suċċess minn dawn il-kriżijiet bla preċedent.

A?BARIJIET TAL-KESE

Isabel Caño Aguilar, Vi?i President g?all-Komunikazzjoni: Din hija sempli? ement tislma

Hemm żmien għal kollox. Issa wasal il-waqt li nsellmu lil xulxin. Qattajna sentejn u nofs flimkien: wara April 2018, kelli l-unur li naħdem bħala viċi president għall-komunikazzjoni, flimkien ma' **Milena Angelova, Viċi President għall-Baġit.**

Nieħu din l-opportunità biex niringrazzja lill-qarrejja tal-“KESEinfo”, għal-lealtà tagħhom. Kellna l-privileġġ li naqsmu magħkom l-aħjar mumentali tal-avvenimenti, is-seminars, id-dibattiti, id-diskussjonijiet u s-sessjonijiet plenarji tagħna – fi ftit kliem, l-inizjattivi kollha li sawru l-mandat tal-KESE taħt il-presidenza tal-**President Luca Jahier**.

Kelli l-opportunità li naħdem ma’ tim fantastiku fid-Direttorat għall-Komunikazzjoni. Se ngħożż il-memorji tal-kollegi li appoġġjawni matul dan il-perjodu, ta’ dawn in-nisa u l-irġiel li għenuni nikber, li għallmuni nagħti aktar attenzjoni lid-dinja ta’ madwarna u li magħhom qasmt l-inizjattivi kollha li wettaqna matul dan il-mandat. Mingħajr il-ħidma, l-impenn u l-entużjażmu tagħhom, il-kompitu tiegħi ma kienx ikun possibbli.

Min jaf kemm-il darba poġġejna fil-prattika l-idea ta’ Hannah Arendt, li qalet “il-kliem ġust misjub fil-ħin opportun huwa l-azzjoni”!

Bosta tifikiriet, uċuħ u kliem se jibqgħu fil-memorja tiegħi. Dawn jinkludu l-ġurnalisti mis-seminars ta’ Diċembru u, fost l-oħrajn, il-kliem ta’ Andrew Caruana Galizia li nieda sejħa għal-libertà tal-espressjoni; id-diskors ta’ Marta Lempart, rebbieħa tat-tieni premju tas-soċjetà ċivili fl-2019, iddedikat għall-ugwaljanza u mogħti lill-moviment Strajk tan-Nisa Pollakki, li appella lin-nisa biex ikunu kapaċi jġibu l-bidla.

Niftakar il-pariri tal-korrispondenti tal-midja fi Brussell, li stedduna għal-laqqgħat tal-COCOM: “Agħtu widen lill-membri tagħkom, li kollha għandhom stejjer x’jirakkuntaw”.

Skambji ta’ fehmi, xi kultant imqanqlin ferm, imlew il-kmamar fejn iltqajna f’Ateni u f’Malaga. Is-seminar li sar fl-2018 f’Ateni, il-benniena tad-demokrazija, tana l-opportunità li nerġġu niskopru l-għeruq tal-valuri Ewropej tagħna. Fl-2019, iltqajna f’Malaga f’università mimlija inizjattivi miż-żgħażaġh u affermajna mill-ġdid li l-Unjoni Ewropea hija proġett li għandu jinbena flimkien mas-soċjetà ċivili.

Minn Marzu 2020 ‘il quddiem, kellna mmorru f’lockdown u norganizzaw mill-ġdid il-ħidma tagħna ta’ kuljum. Il-pandemija wasslitna biex ngħixu u naħdmu b’mod differenti. Il-Kumitat kien ħafif fir-reazzjoni tiegħu u fis-17 ta’ Marzu ppubblikajna dikjarazzjoni li tappella għal aktar solidarjetà u azzjoni konġunta fil-livell Ewropew biex il-konsegwenzi tal-pandemija jkunu indirizzati b’mod effettiv.

ħdimna id f’id ma’ istituzzjonijiet oħrajn biex nikkumbattu l-kriżi fil-livell soċjali, ekonomiku u politiku. Bħala rappreżentanti tas-soċjetà ċivili organizzata, tkellimna b’vuċi waħda u enfasizzajna li biex ikollna s-saħħa ħalli nindirizzaw din il-kriżi rridu nibqgħu magħqudin flimkien.

Bħala d-dipartiment tal-komunikazzjoni, żgurajna l-kopertura mill-midja għall-ħidma legiſlattiva tagħna, li qatt ma waqfet, iżda, xtaqna wkoll nikkondividu l-mod li bih il-membri tal-KESE kienu qed jaħdmu f’pajjiżhom, fil-qalba tal-organizzazzjonijiet tagħhom stess, biex jikkumbattu l-effetti tal-pandemija.

Is-sezzjoni tagħna “Mill-Pinna ta’...” tat aċċess lill-membri għall-kolonna tagħha, fejn dawn qasmt l-emozzjonijiet, il-ħsibijiet u l-kummenti tagħhom dwar il-mumentali li esperjenzaw matul il-pandemija, meta deher li ż-żmien kien bħal donnu wieqaf, iżda fuq kolloxx, dan għinna niskopru mill-ġdid id-diversità tal-Kumitat tagħna u l-attivitajiet kollha mwettqa mit-trejdjunjonisti, l-impredituri u l-membri ta’ organizzazzjonijiet oħrajn tas-soċjetà ċivili.

Dalwaqt se niktbu kapitolu ġdid fl-istorja tal-istituzzjoni tagħna. Niringrazzjakom il-koll għall-ħidma, l-impenn u d-dedikazzjoni tagħkom, u fuq kolloxx għar-rieda tagħkom li tikkomunikaw il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

Nirringrazzja lill-qarrejja kollha tal-“KESEinfo” talli jkunu ħerqana biex jirċievu l-aħbarijiet mill-KESE, nirringrazzja lill-membri talli qasmu ħsibijiethom, nirringrazzja lill-gruppi, nirringrazzja lis-sezzjonijiet u nirringrazzja lit-tradutturi għall-ħidma preċiża tagħhom minkejja li jkunu taħt pressjoni ta’ ħin.

Nirringrazzja ħafna lit-tim tagħna tal-Unità tal-Istampa għall-effiċjenza u l-kreattività tiegħu u għall-pubblikazzjoni ta’ dan il-bullettin, li qatt ma jieqaf jattira abbonati ġodda. Grazzi lill-kollegi tal-unità INF għall-kontribut artistiku u tekniku tagħhom għat-twettiq tal-“KESEinfo”.

Jien mhux se nitlaq, se nibqa’ magħkom fir-rwol tiegħi bħala membru. Fija se ssibu sostenitur ferventi tal-azzjonijiet kollha tagħkom b’rabta mal-informazzjoni u mal-komunikazzjoni.

L-aħħar messaġġ tiegħi, misluf minn Albert Camus, huwa tip ta’ motto li se nħallihulkom bit-tama li nkunu nistgħu napplikawh kuljum: “li toħloq xi ħaġa huwa daqslikieku tgħix darbejn”.



Milena Angelova, Vi?i President g?all-Ba?it: Nag ??lu l-a?jar linja ta’ azzjoni

L-Unjoni Ewropea għaddejja minn mumentu dinamiċi u kruċjali. Hemm bżonn ta’ sforzi koordinati u tas-sinerġija tal-istituzzjonijiet kollha, tal-partijiet ikkonċernati kollha, u taċ-ċittadini Ewropej kollha sabiex nidentifikaw l-istrateġija t-tajba u jirnexxielna nindirizzaw l-isfidi kollha u niksbru riżultati bħala attur dinji b’saħħtu. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għandu rwol importanti x’jaqdi f’dan il-proċess bħala pjattaforma unika li tlaqqa’ flimkien u tippreżenta l-fehmiet ta’ min iħaddem, tal-impjegati u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili dwar l-aspetti importanti kollha dwar kif niksbru riżultati aħjar meta nimplimentaw il-proġett komuni Ewropew tagħna.

Huwa f’idejn il-presidenza tal-KESE biex tiggwida lill-Kumitat biex jagħżel l-aħjar linja ta’ azzjoni għal kull mandat, iniedi l-prijoritajiet politiċi komuni u jidentifika l-aħjar metodu biex iwettaqhom. Kien ta’ unur u sodisfazzjon

kbir li servejt flimkien mal-kollegi ferm apprezzati tiegħi għal dawn l-aħħar sentejn u nofs, u li nħabrek flimkien magħhom biex niksbru dan. L-isforzi konġunti tagħna kienu bbażati fuq it-twemmin sod li kull membru tal-KESE għandu kompetenza, esperjenza u għarfien uniċi u jservi bħala rabta man-negożji u ċ-ċittadini madwar l-Ewropa, filwaqt li huwa rabta immedjata mal-kostitwenza tiegħu jew tagħha fil-pajjiż. Għalhekk, għamilna ħilitna biex il-membri kollha tal-KESE jkollhom l-aħjar ambjent, kundizzjonijiet u appoġġ biex jisfruttaw il-potenzjal u l-kreattività tagħhom, sabiex il-kontributi tagħhom jintużaw bl-aħjar mod u jiġu integrati f’opinjonijiet professjonali, rappreżentattivi u bbilanċjati. L-isforzi tagħna kellhom l-għan li jkollna

viżibbiltà akbar, segwitu aktar strutturat u promozzjoni akbar għall-ħidma tagħna madwar l-Ewropa – fost l-istituzzjonijiet Ewropej u tal-Istati Membri, dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u l-organizzazzjonijiet tal-imsieħba.

Jien kburi u napprezza li ksibna aktar flimkien, billi għaqqadna l-isforzi tagħna u permezz ta' tim funzjonali u koerenti sew, bl-impenn li jipprovdni opportunitajiet u kundizzjonijiet indaqs lil kull membru tal-KESE sabiex jingħata kontribut għas-suċċess komuni tal-Kumitat tagħna fil-qadi tal-missjoni tiegħu. U nawgura l-isbaħ xewqat lit-tim presidenzjali li jmiss matul il-mandat il-ġdid!



L-Intelliġenza Artifiċjali: il-liġi tal-UE għandha tistabbilixxi limiti sikuri għal applikazzjonijiet ta' riskju għoli

Ir-rikonoxximent bijometriku għall-intraċċar, is-sorveljanza u d-detezzjoni ta' emozzjonijiet m'għandu jkollha l-ebda post fl-Intelliġenza Artifiċjali (IA) Ewropea ffokata fuq il-bniedem, qal il-KESE fit-[tweġiba](#) tiegħu għall-[White Paper dwar l-IA](#) tal-Kummissjoni Ewropea, adottata mill-plenarja tal-KESE f'Lulju.

Il-Kummissjoni Ewropea pproponiet li applikazzjoni tal-IA tiġi kkunsidrata ta' riskju għoli jekk tkun tinvolvi kemm settur ta' riskju għoli (kura tas-saħħa, trasport, enerġija u partijiet mis-settur pubbliku) kif ukoll użu ta' riskju għoli, b'xi eċċezzjonijiet li jridu jiġu definiti. Huwa biss jekk jiġu

ssodisfati dawn iż-żewġ kundizzjonijiet li nistgħu nitkellmu dwar l-IA ta' riskju għoli, li għandha taqa' taħt regolamenti u strutturi ta' governanza speċifiċi.

Il-KESE jemmen li din id-definizzjoni tirriskja li toħloq lakuni potenzjalment perikolużi.

“Hu r-reklamar politiku fuq Facebook”, targumenta r-relatur tal-Opinjoni, Cateljine Muller. “Ir-reklamar huwa settur b'riskju baxx u l-funzjoni ta' aggregazzjoni tal-aħbarijiet ta' Facebook tista' titqies bħala użu b'riskju baxx. Madankollu, rajna matul kampanji elettorjali li t-tixrid fuq Facebook ta' aħbarijiet foloz u deepfakes bl-għajnuna tal-IA jista' jkollu effetti negattivi u jinfluwenza kif jivvutaw in-nies, b'interferenza anke minn barra l-Ewropa.”

Il-KESE jemmen li jkun aħjar li titfassal lista tal-karatteristiċi komuni li għandhom jiġu kkunsidrati ta' riskju għoli jkun xi jkun is-settur.

Ir-rikonoxximent bijometriku mmexxi mill-IA għal sorveljanza jew biex tiġi ntraċċata, evalwata jew kategorizzata l-imġiba jew l-emozzjonijiet tal-bniedem għandu jiġi pprojbit ukoll, jinsisti l-KESE. Iżjed u iżjed meta wieħed iqis li ma hemm l-ebda evidenza xjentifika li nistgħu naqraw l-emozzjonijiet ta' persuna abbai tal-bijometrika, enfasizzat is-Sinjura Muller.

Barra minn hekk, il-KESE javża kontra żieda bla kontroll tat-teknoloġija tal-intraċċar li ssib postha fis-soċjetà tagħna sabiex tgħin fil-ġlieda kontra t-tifqigħa tal-coronavirus.

“Tekniki u approċċi tal-IA sabiex tiġi miġġielda l-pandemija għandhom ikunu daqstant robusti, effettivi, trasparenti u spjegabbli daqs kwalunkwe teknika tal-IA oħra fi kwalunkwe sitwazzjoni oħra,” qalet is-Sinjura Muller. “Għandhom jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem, il-prinċipji etiċi u l-leġislazzjoni. Għandhom ikunu wkoll volontarji, għax irridu jew ma rridux, ħafna tekniki introdotti matul il-kriżi se jsiru permanenti”. (dm)



L-Istrateġija dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri ma tistax ma tindirizzax l-effetti dannużi tal-kriżi tal-COVID-19 fuq in-nisa

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jistieden lill-Kummissjoni Ewropea timplimenta minnufih l-Istrateġija l-ġdida tagħha dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri, filwaqt li tindirizza l-impatt dannuż fuq il-ġeneru tal-pandemija tal-COVID-19, li aggaravat aktar l-inugwaljanzi soċjali u ekonomiċi eżistenti bejn il-ġeneri, filwaqt li żdiedu wkoll il-vjolenza kontra n-nisa u l-forom differenti ta' diskriminazzjoni kontrihom.

“Bir-riżultat tal-COVID-19, in-nisa qegħdin dejjem aktar f'riskju ta' vjolenza, faqar, u forom differenti ta' diskriminazzjoni u dipendenza ekonomika. L-Istrateġija għandha tiġi implimentata mingħajr dewmien, sabiex in-nisa ma jibqgħux iħallsu l-prezz tal-pandemija”, qalet

Giulia Barbucci, relatur tal-Opinjoni tal-KESE għall-ugwaljanza bejn il-

ġeneri, li ġiet adottata fis-sessjoni plenarja ta' Lulju.

Fl-Opinjoni tiegħu, il-KESE sostna li l-Kummissjoni jeħtiġilha tiżgura li l-Istrateġija tqis ir-riperkussjonijiet negattivi tal-kriżi fir-rigward tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u li l-perspettiva tal-ġeneru tkun inkorporata fil-miżuri ta' rkupru tal-Istati Membri kollha.

Il-korelatur tal-Opinjoni, **Indrè Vareikytė**, enfasizzat ir-rwol importanti li għandha l-midja li toħloq u tipperpetwa sterjotipi li jwasslu għal preġudizzju kontra n-nisa u jkomplu jżidu l-inugwaljanzi.

Hija qalet li l-KESE qiegħed jappella sabiex jiġi inkluż fokus tematiku ġdid – midja u reklamar – fl-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri ppubblikat mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE).

Għaldaqstant, il-midja għandha tadotta kodiċijiet ta' kondotta u miżuri oħra li jipprojbixxu s-sessiżmu u jżarmaw l-isterjotipi.(II)



Il-kisba tan-newtralità klimatika se tiddependi ? afna fuq il-kapa?ità tal-UE li tinvolvi ru?ħa ma?-? ittadini tag?ħa

Il-kisba tan-newtralità klimatika se tiddependi ħafna fuq il-kapaçità tal-UE li tinvolvi ruħha maç-çittadini tagħha. L-indirizzar tal-isfidi klimatiçi u ambjentali sar prijorità ewlenija tal-UE. Mit-tibdil fil-klima għall-emerġenza klimatika, jeħtieġ li l-UE tagħmel bidliet sostanzjali biex trawwem ekonomija ta' benesseri.

Sabiex tindirizza dawn l-isfidi u twettaq dawn il-bidliet, il-Kummissjoni Ewropea adottat il-Patt Ekoloġiku Ewropew u fetħet konsultazzjoni sabiex tiġbor fehmiet dwar modi kif tinvolvi lill-pubbliku fil-Patt Klimatiku Ewropew.

Il-KESE, għalhekk, intalab sabiex jipprovdì gwida dwar kif jiġu żviluppati l-istrutturi eżistenti bħad-djalogi maç-çittadini u l-assemblei taç-çittadini sabiex jinkiseb l-involvement soçjetali mixtieq flimkien mal-objettivi tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, peress li s-suçcess tal-miżuri kollha tal-

azzjoni klimatika se jiddependu fuq dan l-impenn çiviku.

“Fl-implimentazzjoni tal-Patt Klimatiku, il-Kummissjoni għandha opportunità importanti u obbligu biex turi approçç innovattiv li se jirrifletti, jappoġġja u jispira azzjoni li diġà qed issir fis-soçjetà çivili, fil-komunitajiet, fil-bliet u fir-reġjuni”, enfasizza Dimitris Dimitriadis, relatur tal-Opinjoni dwar il-Patt Klimatiku Ewropew.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni qiegħda tipproponi li tintroduçi mira ġdida għall-2030 fil-liġi tal-UE permezz tal-proposta dwar il-[Liġi Ewropea dwar il-Klima](#), li tistabbilixxi mira legalment vinkolanti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra żero netti sal-2050.

“Ma jistax ikun hemm żmien aktar importanti għall-forzi kkombinati tas-soçjetà çivili u tal-gvern sabiex jimpenjaw ruħhom li jimplimentaw il-Liġi dwar il-Klima hekk kif qed nimxu lejn l-irkupru wara l-COVID-19. Il-pandemija għenet lil kulħadd jirrealizza li bi sforz nistgħu verament nagħmlu l-affarijiet b'mod differenti ħafna”, enfasizza Jan Dirx, ir-relatur tal-Opinjoni dwar il-Liġi Ewropea dwar il-Klima. (mr)



Il-KESE j?e??e? l-iskambju tad-data g?all-ekonomija di?itali u kollaborattiva

Il-KESE jħeġġeġ lill-Istati Membri tal-UE biex jintensifikaw il-koordinazzjoni tagħhom dwar kwistjonijiet ta' taxxa fil-livell Ewropew u internazzjonali fid-dawl tal-ekonomija diġitali u kollaborattiva. Koordinazzjoni aktar mill-qrib tal-politiki tat-taxxa applikabbli għas-settur ekonomiku l-ġdid u t-tfassil ta' strumenti u soluzzjonijiet li jaħdmu jistgħu jtejbu l-konformità mar-regoli tat-taxxa, jiżguraw kompetizzjoni ġusta u jisfruttaw il-potenzjal sħiħ ta' dan is-settur ekonomiku ġdid.

Filwaqt li l-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-kooperazzjoni eżistenti mal-Kummissjoni Ewropea, l-Istati Membri tal-UE u l-OECD/G20 dwar din il-kwistjoni, iħeġġeġ lill-Istati Membri, f'Opinjoni li ġiet adottata mill-plenarja tal-KESE fil-15 ta' Lulju 2020, biex isibu soluzzjonijiet fil-livell tal-UE jekk ma jintlaħaqx ftehim internazzjonali kif ippjanat sa tmiem l-2020 u ma jkunx mistenni f'futur prevedibbli. Il-Kumitat ippropona obbligi ta' rappurtar ċari u armonizzati għal negozji diġitali u kollaborattivi u sistema funzjonali u proporzjonata għall-ġbir u l-iskambju tad-data fil-livell tal-UE jekk ftehim internazzjonali jkun waqa' lura.

Fis-sessjoni plenarja tal-KESE, ir-relatur tal-Opinjoni, Ester Vitali, ġibdet attenzjoni speċjali lejn il-ħtieġa urġenti għal azzjoni. It-tassazzjoni u l-politiki fiskali jeħtieġ li jadattaw għall-iżvilupp kontinwu tal-ekonomija kollaborattiva. L-istituzzjonijiet internazzjonali, Ewropej u nazzjonali jridu jaġixxu b'mod effettiv u rapidu sabiex jindirizzaw l-isfidi li jidher. Soluzzjoni għandha, preferibbilment, tinstab fil-livell internazzjonali jew saħansitra globali," qalet is-Sinjura Vitale filwaqt li speċifikat li "ir-regoli u l-mudelli tat-taxxa attwali jridu jiġu adattati għall-ambjent tan-negozju l-ġdid." (mp)



Il-KESE jappo??ja s-Sena Ewropea tal-Ferroviji fl-2021

Il-ferroviji għandu jkollhom rwol prominenti fil-mobbiltà futura tal-UE u jsiru l-mezz primarju tat-trasport. Għal din ir-raġuni, il-KESE jappoġġja bi pjaċir lill-Kummissjoni Ewropea fil-proposta tagħha biex l-2021 tkun immarkata bħala s-sena tal-Ferroviji.

Fl-Opinjoni approvata fis-sessjoni plenarja ta' Lulju u abbozzata minn Alberto Mazzola, il-Kumitat jgħid li, minn naħa, l-UE trid tinvesti aktar fil-ferroviji f'konformità mal-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u, min-naħa l-oħra, trid iżżid il-viżibbiltà tagħhom, filwaqt li toħloq dibattitu dwar is-servizzi tal-passiġġieri, inkluż dwar il-persuni b'mobbiltà mnaqqsa, id-diġitalizzazzjoni u s-sostenibbiltà ambjentali.

Fl-isfond tas-Sena Ewropea tal-Ferroviji fl-2021, il-ferroviji se jkunu ppreżentati bħala eżempju ċar ta' mobbiltà intelliġenti u mezz ta' trasport innovattiv u sikur, bi sforzi biex jintlaħaq il-pubbliku iġenerali, speċjalment iż-żgħażaġħ. Il-proġetti, id-dibattiti, l-avvenimenti, il-wirjiet u

l-inizjattivi organizzati fl-Ewropa kollha se jkunu mmirati lejn iċ-ċittadini, in-negozji u l-awtoritajiet, u se jagħtu spjega għaliex il-ferroviji huma mezz attraenti u sostenibbli għall-ivvjaġġar madwar l-Ewropa, filwaqt li jpoġġu enfasi fuq l-aspett li dawn ikopru l-UE kollha.


Waqt li kien qed jikkummenta fil-plenarja, is-Sur Mazzola enfasizza li din l-inizjattiva "għandha tkun ukoll opportunità biex issir komunikazzjoni aħjar dwar l-attraenza ta' karriera fil-qasam ferrovjarju, speċjalment għaż-żgħażaġħ Ewropej, permezz tal-appoġġ ta' inizjattivi konġunti mal-imsieħba soċjali, mal-universitajiet, mal-komunità akkademika iġenerali, kif ukoll mal-organizzazzjonijiet Ewropej taż-żgħażaġħ". (mp)



[Il-KESE jispjega r-rwol ewlieni tal-kummer? fil-promozzjoni ta' rkupru ekonomiku sostenibbli mill-kriżi tal-COVID-19](#)

Fis-sessjoni plenarja tiegħu ta' Lulju, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) adotta [Opinjoni](#) dwar l-aħħar rapport li ħarġet il-Kummissjoni Ewropea dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles (FTAs), li jkopri l-2018. Il-KESE jispjega r-rwol ewlieni tal-kummerċ biex “jippromovi rkupru ekonomiku sostenibbli mill-kriżi u jippermetti lill-kumpaniji jibnu mill-ġdid u jorganizzaw mill-ġdid il-ktajjen tal-valur tagħhom, li sofrew tfixkil”. Fl-istess ħin, jinnotta b'dispjaċir li l-ħidma ta' monitoraġġ tas-soċjetà ċivili għadha fil-biċċa l-kbira mhux inkluża fir-rapport ta' implimentazzjoni.

Fl-Opinjoni tiegħu, il-KESE jhegġegħ lill-istituzzjonijiet tal-UE jisiltu tagħlimiet importanti mis-sitwazzjoni attwali. Dawn jinkludu l-ħtieġa li jiġu restawrati ktajjen ta' provvista globali aktar reżiljenti, diversifikati u responsabbli u li jiġu żviluppatti mekkaniżmi aktar b'saħħithom “biex jagħtu riżultati f'termini ta' aġenda dwar il-kummerċ u l-investment sostenibbli fid-dimensjonijiet kollha tagħha”. Il-KESE b'mod partikolari jinnotta b'dispjaċir li l-ħidma li saret mill-gruppi konsultattivi domestiċi (DAGs) biex jimmonitorjaw l-impatt tal-ftehimiet fuq il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli (TSD) hija fil-biċċa l-kbira assenti mir-rapport. Il-KESE jitlob li d-DAGs “għandhom jissaħħu biex ikunu jistgħu jwettqu b'suċċess il-kompiti ta' monitoraġġ tagħhom” u jesprimi t-tħassib tiegħu “minħabba li l-kapitoli tat-TSD bħalissa m'għandhomx għodod ta' infurzar vinkolanti”.(dgf)



[Il-kriżi tal-coronavirus: Il-KESE jgħid li l-kumpaniji tal-UE għandhom jikkunsidraw mill-ġdid il-mudell ta' negozju tagħhom](#)

Jeħtieġ li nibdlu l-mod kif nagħmlu n-negozju fl-Ewropa u madwar id-dinja, iżda l-pilastri tal-ġejjieni tagħna għandhom jibqgħu l-għanijiet fit-tul tal-UE għat-ktabbir ekonomiku sostenibbli, minkejja l-kriżi tal-COVID-19. Fl-Opinjoni tiegħu dwar l-tiżniħ tat-ktabbir ekonomiku sostenibbli fl-UE, abbozzata minn **Philip von Brockdorff** u adottata fis-sessjoni plenarja ta' Lulju, il-Kumitat jenfasizza li l-kriżi hija opportunità biex nikkunsidraw mill-ġdid u ntejbu l-mod kif il-kumpaniji tal-UE jagħmlu n-negozju. M'għandhiex tkun skuża biex jiġu mminati l-oġettivi stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, fl-Istrateġija għat-Tkabbir Sostenibbli 2020 u fil-Pilastri Ewropew għad-Drittijiet Soċjali.

Waqf id-dibattitu fil-plenarja, is-**Sur von Brockdorff** qal li “minħabba l-problemi ekonomiċi b’riżultat tal-kriżi tal-coronavirus neħtieġu bidla fil-*modus operandi* tan-negozji fl-UE u madwar id-dinja. Il-ktajjen tal-provvista wrew li huma vulnerabbli u jeħtieġ li jiġu żgurati. L-operaturi tal-UE jeħtieġ li jikkunsidraw mill-ġdid l-istrateġiji tagħhom fir-rigward tal-katina tal-provvista, b’enfasi fuq id-diversifikazzjoni u l-allinjament mill-ġdid tal-ktajjen tal-provvista f’diversi setturi. Hemm ukoll il-ħtieġa għal forma ta’ deglobalizzazzjoni settorjali, tal-anqas għall-kumpaniji tal-UE li jipproduċu prodotti essenzjali, li għandhom jikkunsidraw li jmexxu l-impjanti tal-manifattura tagħhom lura lejn l-Ewropa”.

Sabiex it-ktabbir sostenibbli nagħmluh realtà fis-snin li ġejjin, irridu nerġġu nagħtu spinta lill-ekonomija Ewropea billi nżommu f’moħħna l-qofol tas-sostenibbiltà ambjentali, iż-żieda fil-produttività, il-ġustizzja, il-progress soċjali u l-istabbiltà makroekonomika.

Jeħtieġ li l-Unjoni Ewropea jkollha rwol aktar prominenti fil-kummerċ dinji. Dan huwa essenzjali għall-kumpaniji tal-UE u l-prospetti tan-negozju tagħhom. Għal ditti globali li joperaw f’suq globali, kundizzjonijiet ekwi f’firxa wiesgħa ta’ aspetti huma essenzjali wkoll, bħal standards internazzjonali tax-xogħol, kompetizzjoni ġusta u konformità mal-miri tat-tibdil fil-klima. (mp)



Tibdil kostanti qed jhedded it-tlestija tan-network trans-Ewropew tat-trasport

Tibdil kostanti fil-prijoritajiet politiċi domestiċi tal-Istati Membri tal-UE huwa ostaklu fundamentali biex tinkiseb implimentazzjoni f’waqtha tal-proġetti tan-network tat-trasport trans-Ewropew (TEN-T), u dan iqajjem dubji dwar jekk hux se jkun possibbli li n-network ewlieni jitlesti sal-2030. It-twissija ġejja mir-rapport ta’ informazzjoni ta’ **Alberto Mazzola**, intitolat *Evalwazzjoni tan-Network Trans-Ewropew - linji gwida dwar it-Trasport (TEN-T) 2013-2020*, adottat fis-sessjoni plenarja ta’ Lulju tal-KESE.

L-ostakli ewlenin għat-tlestija tal-proġetti TEN-T jinkludu mhux biss tibdil fil-prijoritajiet politiċi nazzjonali, li jaffettwa proġetti b’sinifikat transkonfinali b’mod partikolari, iżda wkoll oppożizzjoni minn ċittadini u partijiet interessati oħrajn. Dan juri li hemm kwistjonijiet soċjali u ekonomiċi importanti relatati mal-politika tat-TEN-T fejn il-ħtiġijiet tas-

soċjetà ċivili jridu jiġu indirizzati, għaliex huwa biss jekk l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jkunu involuti u kkonsultati fi żmien bikri li jkun jista’ jitwettaq segwitu xieraq u jitneħħew l-ostakli għall-implimentazzjoni tal-proġett.

Matul id-dibattitu fil-plenarja, is-**Sur Mazzola** qal: “Naqsmu d-dubji tal-partijiet interessati dwar jekk in-network ewlieni jista’ jitlesti sal-2030, iżda nqisu li din il-mira hija importanti biex l-Istati Membri jiġu mħeġġa jaħdmu aktar u nemmnu li bosta proġetti transfruntiera ewlenin jistgħu jitlestew sa dik id-data. Il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili u l-monitoraġġ tal-iżvilupp tal-kurituri u tal-proġetti huma fundamentali għall-implimentazzjoni tal-proġetti bl-aktar mod xieraq. Fejn dan ikun sar fi stadju bikri permezz ta’ kampanji ta’ informazzjoni mifrux b’mod wiesa’, il-proġetti qed jagħmlu progress pjuttost tajjeb, filwaqt li fejn dan ma



It-tisfin globali: il-KESE jappella għal miżuri fiskali ʔodda sabiex jitnaqqas is-CO

Taxxi ʔodda u miżuri addizzjonali fuq l-emissjonijiet tas-CO₂ ser jgħinu, iżda mhux ser ikunu biżżejjed: it-tisfin globali jidher li ser ikompli sakemm l-emissjonijiet eżistenti tas-CO₂ ma jitneħħewx mill-atmosfera. F’Opinjoni abbozzata minn **Krister Andersson** u adottata waqt is-sessjoni plenarja ta’ Lulju, il-Kumitat enfasizza l-fatt li hemm bżonn ta’ sistema ʔdida fejn l-emissjonijiet tas-CO₂ ma jkunux biss intaxxati u għalhekk skoraġġuti, iżda l-emissjonijiet li diġà huma fl-atmosfera jistgħu jitneħħew, maħżuna u użati għal skopijiet oħra.

F’kumment waqt il-plenarja, **is-Sur Andersson** qal li huwa importanti li tintuża t-tassazzjoni sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-Ewropa fir-rigward tan-newtralità klimatika, iżda hemm bżonn ta’ għodod addizzjonali. Ikun effiċjenti li, apparti li nkunu nistgħu nnaqsu l-emissjonijiet tas-CO₂, inkunu nistgħu nneħħu wkoll is-CO₂ mill-atmosfera. Huwa għal din ir-raġuni li qed nappellaw għal approċċ simmetriku ta’ tassazzjoni abbażi ta’ din l-istrateġija: l-introjtu fiskali mit-taxxi tas-CO₂ jista’ jintuża biex jitħallsu l-attivitajiet li jneħħu s-CO₂ mill-atmosfera.

Il-KESE jirrakkomanda wkoll li permezz ta’ investimenti apposta, jiġu żviluppati teknoloġiji ʔodda fil-livell nazzjonali u tal-UE, li jippermettu kemm il-ġbir u l-ħżin tad-diossidu tal-karbonju kif ukoll il-ġbir u l-użu tad-diossidu tal-karbonju. Dawn il-miżuri jkunu pass ulterjuri biex jitnaqqas l-impatt tal-emissjonijiet tas-CO₂, u b’hekk ikun hemm konformità mal-Għanijiet ta’ Żvilupp Sostenibbli tan-NU u l-Ftehim ta’ Pariġi dwar it-tibdil fil-klima. (mp)



Il-globalizzazzjoni ming?ajr regolazzjoni twassal g ?al aktar inugwaljanza, jg?id il-KESE

It-trawwim tal-kompetittività, l-innovazzjoni u l-ħolqien tal-impjegi għandu jkun prijorità fil-kooperazzjoni regolatorja globali permezz ta' skema mġedda ta' kummerċ multilaterali, qal il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) f'[Opinjoni](#) mibdija minn Georgi Stoev u Thomas Student u adottata mill-plenarja tal-KESE f'Lulju.

Sitwazzjonijiet ta' tfixkil bħall-coronavirus (COVID-19) jheddu li jwaqqfu ħesrem l-ekonomija globali u l-ħajja soċjali. L-impatti tagħhom jistgħu jinkludu riċessjonijiet fl-Istati Uniti, fl-UE, fil-Ġappun u f'reġjuni oħrajn tad-dinja, tkabbir bil-mod ħafna fiċ-Ċina u telf kbir f'termini ta' produzzjoni. Il-gvernijiet għandhom jikkompensaw għall-ħsara ekonomika b'politiki fiskali u monetarji u jindirizzaw il-bidliet mistennija fil-paradigma

ekonomika.

"L-iżvilupp industrijali fl-Ewropa ma jistax jispiċċa vittma ta' dumping ekonomiku, soċjali u ambjentali xejn ġust. Dan jista' jsir theddida reali għall-industrija Ewropej u l-mudell soċjali Ewropew," qal ir-relatur tal-Opinjoni, **Georgi Stoev**. "Aħna ninsabu mħassba dwar in-negattività fir-rigward tal-kummerċ internazzjonali u l-globalizzazzjoni u ż-żieda fil-populiżmu. Il-protezzjoniżmu u n-nazzjonaliżmu ma jistgħux jipprovdu soluzzjonijiet għal problemi ekonomiċi u soċjali," temm jgħid.

"L-Ewropa teħtieġ b'mod urġenti proġett ġdid għall-integrazzjoni interna: strateġija ekonomika, soċjali (inkluża l-koordinazzjoni tas-saħħa pubblika), fiskali, tal-enerġija u ambjentali komuni u politika kummerċjali koerenti," qal il-korelater, **Thomas Student**. Il-KESE jemmen li l-Patt Ekoloġiku għandu jintegra l-istrateġija industrijali ġdida u l-politika kummerċjali flimkien mal-politika ekonomika, regolatorja u tal-kompetizzjoni fi sforz komprensiv biex jiġi megħjun l-ambjent, mingħajr ma tinħoloq theddida għas-suq uniku u l-kumpaniji u l-impjegi Ewropej, u għandu jstabilixxi miri ambjentali għolja għall-industrija kollha kemm hi. (ks)

A?BARIJET MILL-GRUPPI



Il-KESE jappella għal titjib fil-klaw?oli ta' salvagwardja agrikoli fil-ftehimiet kummerċjali

Mill-Grupp ta' Min Iħaddem tal-KESE

Fis-sessjoni plenarja ta' Lulju għet adottata Opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar l-introduzzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja għall-prodotti agrikoli fil-ftehimiet kummerċjali.

Din l-Opinjoni, adottata eżatt qabel ma tibda r-reviżjoni tal-Kummissjoni tal-politika kummerċjali tal-UE, tenfasizza l-isfida ġeostrateġika tal-produzzjoni alimentari u l-ħtieġa għall-ħarsien tal-kapaċità tal-produzzjoni ta' kull pajjiż, billi jiġu promossi politiki agrikoli u kummerċjali adatti, filwaqt li jiġi żgurat kummerċ internazzjonali organizzat, u b'hekk jiġu indirizzati kemm l-inċertezzi fil-produzzjoni kif ukoll l-iskarsezzi dejjiema f'ċerti żoni ġeografiċi.

Skont ir-relatur, **Arnold Puech d'Alissac**, membru tal-Grupp ta' Min Iħaddem tal-KESE, "l-iżviluppi fil-kapaċitajiet tal-IT issa jagħmluha possibbli li jiġu implimentati miżuri ferm aktar effettivi. Dawn jistgħu jkunu rapidi, awtomatiċi, proporzjonati u eżawrjenti sabiex jissodisfaw ir-rwol tagħhom li jħarsu s-setturi, mill-produtturi sal-konsumaturi.

Ir-relatur jenfasizza wkoll li, "din hija wkoll opportunità biex il-kunċett ta' sostenibbiltà jiġi rikonoxxut fin-negozjati kummerċjali biex jiġi evitat li importazzjonijiet irħas, iżda b'kundizzjonijiet ta' produzzjoni mhux sostenibbli biżżejjed, jingħataw preferenza askapitu tal-produzzjoni Ewropea. Fid-dawl tal-Patt Ekoloġiku, il-konsistenza bejn il-politiki ambjentali, agrikoli u kummerċjali hija essenzjali".

Kif tirrea?ixxi l-ekonomija jekk ni?guraw standards minimi komuni g?all-qg?ad madwar l-Ewropa?



Mill-Grupp ta' Min Iħaddem tal-KESE

Il-pandemija li għaddejjja bħalissa tal-coronavirus biddlet kriżi fil-bogħod f'dipressjoni ekonomija veru u proprja, fejn kien hemm l-akbar tnaqqis fil-PDG fi żminijiet ta' paċi, f'dan l-aħħar seklu, u fejn miljuni ta' persuni spiċċaw fi skemi differenti ta' qgħad jew ta' impjieg part time. Minkejja r-rwol tagħhom biex itaffu l-biċċa l-kbira tal-impatt, is-sistemi soċjali tagħna ġeneralment huma ppreparati ħażin daqs kemm kienu ppreparati ħażin is-sistemi tagħna tas-saħħa għall-pandemija, hekk kif iddgħajfu serjament minn snin ta' awsterità mill-kriżi tal-2008.

Barra minn hekk, il-miżuri fis-seħħ biex jiġu protetti l-ħaddiema u xogħolhom mhumiex l-istess, bil-ħaddiema f'impjegi l-aktar prekarji ta' spiss jispiċċaw barra l-iskemi tradizzjonali ta' protezzjoni - bħal dawk li jaħdmu fis-settur tal-kunsinni u f'"forom ġodda ta' xogħol"

Is-sistema tal-benefiċċji tal-qgħad mhijiex biss frammentata fil-pajjiżi, iżda wkoll bejn il-pajjiżi: hemm differenzi kbar fid-durata u l-kopertura tal-benefiċċji, kif ukoll fis-sostituzzjoni, jiġifieri s-sehem tas-salarju preċedenti riċevut. L-istudju kkummissjonat mill-Grupp tal-Ħaddiema janalizza kif l-ekonomija kollha kemm hi fl-UE, u fil-pajjiżi individwali, tirreaġixxi jekk is-sistemi tal-qgħad ikollhom livell minimu komuni ta' kopertura, durata u sostituzzjoni, biex jiġi żgurat standard minimu komuni għall-ħaddiema fl-Ewropa. Bl-użu ta' mudelli makroekonomiċi, l-istudju janalizza l-ipoteżi fil-kuntest tal-kriżi tal-2008, f'ċiklu baġitarju sħiħ, u aktar rilevanti llum, fil-waqgħa tal-ekonomija minħabba l-pandemija.

Ir-riżultati juru biċ-ċar li l-impatt fuq l-ekonomija jkunu pożittivi, ħafna iktar jekk jintużaw flimkien ma' politiki soċjali oħra, fejn tiġi żgurata l-protezzjoni tal-impjegi u tiġi evitata riċessjoni ekonomika oħra. Tista' ssib l-istudju u d-dettalji kollha f'din il-[link](#).



Ippubblikat studju ?did “Insibu kunsens ?did dwar il-valuri tas-so?jetà ?ivili Ewropea u l-valutazzjoni tag?hom”, ikkummissjonat mill-Grupp Diversità Ewropa tal-KESE

Mill-Grupp Diversità Ewropa tal-KESE

L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ) fi Franza, il-Ġermanja, l-Italja, il-Greċja, l-Ungerija u l-Polonja jikkondividu fehim komuni tal-valuri tad-demokrazija, tal-istat tad-dritt u tas-solidarjetà?

L-istudju l-ġdid *Insibu kunsens ġdid dwar il-valuri tas-soċjetà ċivili Ewropea u l-valutazzjoni tagħhom*, li twettaq mill-European Policy Centre (EPC) għall-KESE fuq talba tal-Grupp tal-KESE Diversità Ewropa, juri li hemm it-tendenza li l-OSĊ fil-pajjiżi koperti mill-istudju jaqblu fuq id-definizzjonijiet ta' dawn il-valuri, anke jekk huma għandhom interpretazzjonijiet differenti tal-kunċett ta' solidarjetà meta mqabbel mal-kunċett tad-demokrazija u l-istat tad-dritt.

L-istudju jżvela wkoll li l-OSĊ jirrikonoxxu r-rwol kruċjali li s-settur ċivili għandu fil-promozzjoni ta' dawn il-valuri. Madankollu, l-OSĊ jiffaċċjaw diversi sfidi meta jagħmlu dan, b'mod speċjali b'rabta mal-aċċess ristrett għall-finanzjament, il-bidla teknoloġika u ġenerazzjonali u, fuq kollox, ambjenti politiċi sfavorevoli. Il-gvern u s-soċjetà ċivili nnifisha qed isiru aktar konfrontazzjonali, aktar politiċi u inqas miftuħa għal kompromess fil-pajjiżi kollha studjati. L-OSĊ fin-Nofsinar u fil-Lvant iddeskrivew is-sitwazzjoni, il-perċezzjoni tal-valuri u l-prospettiva futura tagħhom inqas favorevoli mill-OSĊ tal-Punent.

Skont l-istudju, il-futur se jirrikjedi kooperazzjoni u innovazzjoni kemm min-naħa tas-soċjetà ċivili kif ukoll mill-gvernijiet fil-livelli kollha jekk l-OSĊ jridu jkunu kapaċi jiddefendu l-valuri tal-Unjoni Ewropea.

Fit-2 ta' Settembru, il-President tal-Grupp Diversità Ewropa tal-KESE, **Arno Metzler**, ippreżenta l-istudju flimkien ma' **Corina Stratulat**, Analista Superjuri tal-Politika tal-EPC, u **Paul Butcher**, Analista tal-Politika tal-EPC, żewġ awturi tal-istudju waqt attività għall-istampa mill-bogħod.

Ikkonsulta s-sit web tal-KESE sabiex issir taf aktar dwar il-proposti u r-rakkomandazzjonijiet tal-OSĊ u tat-tim tar-riċerka ppreżentati fl-istudju. L-istudju u s-sommarju eżekuttiv tiegħu kif ukoll stqarrija għall-istampa relatata huma disponibbli online.

Editor

Ewa Haczyk-Plumley (editor-in-chief)
Daniela Marangoni (dm)

Il-kontributuri g?al din l-edizzjoni huma

Daniela Marangoni (dm)
David Gippini Fournier (dgf)
Jasmin Kloetzing (jk)
Katharina Radler (kr)
Katerina Serifi (ks)
Laura Lui (ll)
Marco Pezzani (mp)
Margarida Reis (mr)
Margarita Gavanis (mg)

Koordinazzjoni globali

Agata Berdys (ab)
Katerina Serifi (ks)

Indirizz

Kumitat Ekonomiku u So?jali Ewropew
Bini Jacques Delors, 99 Rue Belliard, B-1040
Brussell, il-Bel?ju
Tel. (+32 2) 546.93.96 jew 546.95.86
Indirizz elettroniku: eescinfo@eesc.europa.eu

KESE info huwa ppubblikat disa' darbiet fis-sena matul is-sessjonijiet plenarji tal-KESE. KESE info huwa disponibbli fi 23 lingwa. Il-KESE Info ma tistax titqies b?ala r-rapport uffijjali tal-?idmiet tal-KESE; g?al dawn, jekk jog??bok irreferi g?all-?urnal Uffi?jali tal-Unjoni Ewropea jew g?al pubblikazzjonijiet o?rajn tal-Kumitat. Ir-riproduzzjoni hija permessa jekk il-KESE Info jissemma b?ala s-sors u tintbag?at link lill-EDITOR.

09/2020